**Laqgha Numru 29/K6/2011**

**Introduzzjoni**

Id-Disa' u Ghoxrin Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2011 li saret nhar l-Erbgha 28 ta' Dicembru 2011.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ***(li wasal fis-6.30pm)***, il-Kunsilliera Lauro Fava, Evelyn Vella Brincat ***(li waslet fil-5.35pm)*** u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Ghal xi hin kien hemm il-prezenza tal-pubbliku.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fl-20 ta' Dicembru 2011. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 28/K6/2011.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 28/K6/2011.**

**03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**

**04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**05. Mistoqsijiet.**

**06. Korrispondenza.**

**07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**

**08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**

**09. Approvazzjoni tal-Performance Bonus ta' l-istaff.**

**10. Diskussjoni dwar l-Estimi Finanzjarja ghas-sena 2012 u Business Plan 2012-2014.**

**11. Relazzjoni ma' Bergen fil-Germanja.**

**12. Decizjoni dwar Tenders 05, 08 u 10/2011.**

**13. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

**14. Materji ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 28/K6/2011.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 28/K6/2011 kif ipprezentati.

1.02. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

***1.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat waslet fil-5.35pm.***

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 28/K6/2011.

2.01. B'riferenza ghall-Minuti 28/K6/2011 item 2.06 fejn is-Sindku Joe Zammit qal li ser issir spezzjoni tas-sit fejn il-Kunsill ma sabx oggezzjoni li jigu ndukrata minn diversi residenti, kif ukoll fejn din l-ispezzjoni kellha ssir fil-gimghat li ghaddew flimkien u fil-prezenza ta' membri ohra tal-Kunsill fejn wara ser issir pjanta dettaljata ta' kull sit, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li minhabba xoghol kif ukoll minhabba l-maltemp li kien hemm matul l-ahhar jiem, huwa qal li ser jipprova li din issir sa laqgha ohra.

2.02. B'riferenza ghall-**Minuti 28/K6/2011 item 2.09 u** ghall-**Minuti 27/K6/2011 item 6.21** fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li l-Kunsill jorganizza korsijiet tal-kompjuters fil-Kunsill, issa ladarba l-Kunsill ghandu numru ta' kompjuters disponibbli, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-flyer lir-residenti ghandha tinhareg fid-9 ta' Jannar 2012 b'lista ta' korsijiet addatata u eventwalment, skond ir-rispons tar-residenti, tinhareg sejha pubblika biex jingabru l-kwotazzjonijiet minghand il-kumpaniji nteressata, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat infurmat lill-Kunsill li ser tghaddi l-lista tal-korsijiet lis-Segretarju Ezekuttiv fil-jiem li gejja.

2.03. B'riferenza ghall-Minuti 28/K6/2011 item 2.12 u ghall-**Minuti 27/K6/2011 item 6.24** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-Kunsill ghandu jara xi spejjez hemm bzonn biex jithadmu l-kompjuters li l-Kunsill ircieva minghand l-MCA, kif ukoll li l-Kunsill jixtri hadid hollow section biex jigu nfurzata l-imwejjed li ghandu l-Kunsill, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dan ix-xoghol qed isir.

2.04. B'riferenza ghall-Minuti 28/K6/2011 item 4.05 fejn is-Sindku Joe Zammit kien talab biex il-Kunsill jikkomunika mal-J&K Contractors Ltd. biex jaghmel stima tal-hsara li saret minn Arriva f'St. Patricks biex eventwalment tintbaghat lill-Pulizija, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din l-istima kienet ghada ma waslitx. Il-kelliem qal li sadanittant ir-rapport tal-Pulizija kien sar u jista' jingabar kopja tieghu biex eventwalment jintbaghat lill-Arriva bl-istima tax-xoghol mehtieg.

2.05. B'riferenza ghall-Minuti 28/K6/2011 item 6.38 u ghall-korrispondenza numru **46/7015/11/I** rigward iz-zjara tal-grupp minn Montenegro, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li hemm indikazzjoni li dawn ser jigu lejn l-ahhar ta' Jannar 2012.

2.06. B'riferenza ghall-Minuti 28/K6/2011 item 6.50 u ghall-korrispondenza numri **46/7060/11/I u 46/7121/11/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona biex rigward l-ilma li qed ikun hemm quddiem Blokk 10, il-Kunsill ghandu jinforma lil TM biex issir spezzjoni u tirrimedja kif ukoll kien ippropona li ghandhom jitnehhew il-yellow lines li hemm mad-dawra tal-blokk biex ir-residenti ikollhom fejn jipparkjaw, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg talab indikazzjoni ta' liema linji ser jitnehhew halli jkun jista' jsir ix-xoghol.

2.07. Is-Sindku Joe Zammit irrakkomanda li s-Segretarju Eekuttiv Kevin Borg jiltaqa' mar-resident koncernat u jinforma lura lill-Kunsill.

2.08. B'riferenza ghall-Minuti 28/K6/2011 item 6.97 u ghall-korrispondenza numru **46/7116/11/I** fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet biex il-Kunsill jippartecipa f'din l-iskema fejn ghandu jigi nominat is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg u wiehed mill-membri eletti fil-Kunsill, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li wara komunikazzjoni li kellu mal-persuni koncernata, gie nfurmat li din l-applikazzjoni ma kienetx ser issir.

2.09. B'riferenza ghall-Minuti 28/K6/2011 item 6.106 u ghall-korrispondenza numru **46/7172/11/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona biex il-Kunsill iqabbad lill-Perit tal-Kunsill biex jipprepara stima halli tkun tista' ssir pjanta nterattiva u krejattiva, liema pjanta tkun tista' tintuza ghal ghanijiet ohra wkoll, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din ghad trid isir.

2.10. B'riferenza ghall-Minuti 28/K6/2011 item 6.122 u ghall-korrispondenza numru **46/7221/11/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona biex il-Kunsill jixtri numru ta' globi li hemm miksura fil-Gnien 4 ta' Lulju ghall-prezz ta' € 76.79 il-wiehed kif ukoll li l-Kunsill jitlob lis-sur Mario Abdilla jew lill-Mica Med Limited biex dawn jitwahhlu, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li s-sur Abdilla kien informa lill-Kunsill li huwa m'ghadux jaghmel dan ix-xoghol. Ghaldaqstant il-kelliem talab li l-Kunsill jitlob stima lill-Mica Med Ltd. ghat-wahhil biss, ladarba dawn issa nxtraw mill-Kunsill.

2.11. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Kunsill diga ghandu din l-istima.

2.12. Fid-dawl ta' dan is-Sindku Joe Zammit ippropona li x-xoghol isir minn Mica Med Limited.

2.13. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

2.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.15. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li r-risposta tas-sur Mario Abdilla ghandha tintalab bil-miktub.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 97/2011** b'rapport tal-Bord ta' l-Ghazla – Tender 05 sa 11/2011 u l-kwotazzjonijiet 26 sa 36/2011 **(Ara Dok. A); Internal Memo 98/2011** b'rapport tal-laqgha li saret ma' l-MRRA **(Ara Dok. B); Internal Memo 99/2011** b'rapport tal-laqgha li saret mal-komunita' kummercjali vis-a-vis il-progett tal-Park & Ride **(Ara Dok. C); Internal Memo 100/2011** b'rapport t'azzjonijiet mehuda bejn laqgha 28/K6/2011 u 29/K6/2011 **(Ara Dok. D); Internal Memo 101/2011** b'rapport tal-laqghat li saru bejn il-laqgha 28/K6/2011 u 29/K6/2011 **(Ara Dok. E);** Kopja tal-flyer li sar rigward il-laqgha ma' l-MTA **(Ara Dok. F),** l-attivitajiet tat-tfal ghal zmien il-Milied **(Ara Dok. G)** u Kopja tad-dokumenti tal-kwotazzjonijiet 38, 39, 40, 41, 42, 43, 44, 45, 46, 47, 48 u 49/2011. **(Ara Dok. H)**

3.02. B'riferenza ghall-Internal Memo 99/2011, is-Sindku Joe Zammit ippropona l'issir laqgha ma' Arriva u Transport Malta biex jigi diskuss l-uzu ta' l-Ex Parade Ground.

3.03. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

3.04. Il-Kunsill qabel unanimament

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera lill-Kunsill ghat-tqeghied tad-dokumenti ndikati taht item 3.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

5.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li tigi sospiza l-agenda biex tigi diskussa item 12 minflok item 6.

5.03. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

5.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12. Decizjoni dwar Tenders 05, 08 u 10/2011.

12.01. Is-Sindku Joe Zammit fil-5.45pm talab li tigi sospiza l-laqgha biex ikun jista' jiltaqa' l-Bord ta' l-Ghazla.

12.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

***12.04. Il-laqgha giet sospiza fil-5.45pm.***

***12.05. Il-laqgha tkompliet fis-6.00pm.***

12.06. B'riferenza ghat-**Tender 05/2011 - Professional Services of an Architect & Civil Engineer**, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li tigi accettata l-offerta tal-**Perit Kevin Fsadni** abbazi li l-Kunsill minn dejjem kien sodisfatt bis-servizzi tieghu u li l-prezz mitlub huwa ragjonevoli.

12.07. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japprova r-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' l-Ghazla.

12.08. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.10. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-membri tal-Bord ta' l-Ghazla baqghu ta' l-istess pozizzjoni dwar **Tender 08/2011 - Cleaning and Embellishment of Urban, Non Urban and Open Areas within Pembroke Boundaries** u **Tender 10/2011 - Upkeep & Maintenance of Parks & Gardens** minhabba li m'humiex komdi li jiddeciedu wara l-allegazzjonijiet li ghamel il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli fil-gimghat li ghaddew.

12.11. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li s'issa l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ghadu la ssustanzja u lanqas irtira l-allegazzjonijiet tieghu li ghamel fuq il-membri tal-Kunsill.

12.12. Fid-dawl ta' dan is-Sindku Joe Zammit ippropona li tender 08/2011 u 10/2011 li jaghlqu fl-ahhar ta' Dicembru 2011 ghandhom jigu estiza sa l-ahhar ta' Jannar 2012.

12.13. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.15. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li tigi sospiza l-agenda biex jigi diskuss item 10.

12.16. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10. Diskussjoni dwar l-Estimi Finanzjarja għas-sena 2012 u Business Plan 2012-2014.

10.01. Is-Sindku Joe Zammit ipprezenta lill-Kunsill Draft ta' l-Estimi Finanzjarja ghas-sena 2012 u Business Plan ghas-snin 2012-2014. **(Ara Dok. I u J)** Il-kelliem stieden lill-Accountant Romina Perici Ferrante biex taghmel l-ispjegazzjoni taghha.

10.02. L-Accountant Romina Perici Ferrante tat spjegazzjoni ta' kif gew mahduma l-Estimi Finanzjarji ghas-sena 2012 u l-Business Plan ghas-snin 2012-2014.

10.03. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill johrog stqarrija pubblika li tghid li kuntrarju ghal dak li qed jinghad fil-media, il-Kunsill Lokali Pembroke jiddikjara li nghata zieda ta' €23,000 fl-allokazzjoni finanzjarja tieghu ghas-sena 2012.

10.04. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

***10.05. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli wasal fis-6.30pm.***

10.06. Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat.

10.07. Wara diskussjoni u xi emendi proposti, is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Estimi Finanzjari ghas-sena 2012 u l-Business Plan ghas-snin 2012-2014 jigu approvata kif emendati.

10.08. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

10.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

***10.10. Is-Sindku Joe Zammit irringrazzja lill-Accountant Romina Perici Ferrante u talaba thalli l-kamra.***

10.11. Is-Sindku Joe Zammit ippropona biex tizdied gurnata ohra ta' gbir ta' skart nhar ta' Tlieta filghodu. Il-kelliem qal li dan qed isir minhabba li qed jizdied l-ammont ta' skart specjalment wara l'issa anke l-Kunsill Lokali San Giljan nehha l-iskips mill-lokalita' tieghu. Il-kelliem qal li b'hekk il-Kunsill jevita li jkun hawn munzelli ta' skart madwar l-iskips specjalment nhar ta' Tlieta. Finalment il-kelliem ippropona wkoll li l-Kunsill jitlob il-permess tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali biex parti mill-fondi ring fence ghat-toroq ikunu jistghu jigu wzata ghal dan is-servizz.

10.12. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat u ziedet li huwa mportanti li l-kuntrattur jaderixxi mal-kuntratt u meta jkun hemm xi problemi fuq l-iskips, bhal meta dawn jigu vandalizzata, ghandu jiehu azzjoni mmedjata biex dawn jinbidlu.

10.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.14. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-laqgha tal-lokalita' ghandha tinzamm nhar l-Erbgha 11 ta' Jannar 2012 fis-6.30pm fis-sala tal-Knisja fejn wara jigi servut te', kafe u pastizzi.

10.15. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

10.16. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.17. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ghamlet riferenza ghaz-zamma, manutenzjoni u tindif tal-latrini fejn ipproponiet li tintalab spjegazzjoni minghand id-Dipartiment koncernat dwar ix-xoghol li suppost qed isir minhabba l-fatt li dawn qed jinzammu mahmuga.

10.18. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

10.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.20. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill imur ghal item 9.

10.21. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

10.22. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 09. Approvazzjoni tal-Performance Bonus ta' l-istaff.

9.01. Is-Sindku Joe Zammit ipprezenta lill-Kunsill kopja tal-Performance Appraisal tas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg, l-Assistenta Ufficjal Principali Alison Grixti u l-iskrivana Kirsty Rizzo. **(Ara Dok. K, L u M)**

9.02. Is-Sindku Joe Zammit talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg biex jirtira mill-kamra.

***9.03. Fis-6.45pm is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irtira mill-kamra.***

***9.04. Fis-7.05pm rega' dahal is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.***

9.05. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsill iddiskuta l-andament tas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg u l-istaff u mid-diskussjoni li saret ippropona li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg jinghata 5% u l-istaff klerikali Alison Grixti u Kirsty Rizzo jinghataw 4.5%.

9.06. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

9.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.08. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill imur ghal item 14.

9.09. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

9.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 14. Materji ohra.

14.01. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li hemm bzonn li hdejn St. Catherine High School ghandha tigi nfurzata l-ligi tat-traffiku.

14.02. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kien talab l-assistenza ta' l-AO ta' l-LES.

14.03. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Kuntrattur Shawn Farrugia kien talab biex jinkera High up biex tinzabar is-sigra tal-Ficus li hemm fi Triq il-Profs Jos. E. Debono quddiem is-Sinjura Salafia.

14.04. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japprova din it-talba u ghandu jsir komunikat mal-haddiem tal-kuntrattur Shawn Farrugia meta ser isir ix-xoghol.

14.05. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.07. Is-Sindku Joe Zammit irrefera ghall-ilment li dahal ghand il-Kunsill minghand Mrs. Josephine Engelbert fejn din talbet sabiex il-kuntrattur li jigbor l-iskart, ibiddel ftit ir-rotta minhabba li t-triq taghha hija dejqa u tkun trid tmexxilu l-karozza kull filghodu biex ikun jista' jghaddi. Wara diskussjoni l-kelliem ippropona li t-talba tas-sinjura ma tistax tigi milqugha minhabba ta' kif hija ffissata r-rotta.

14.08. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.10. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li wara konsultazzjoni mas-Segretarju Ezekuttiv, ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-hinijiet tax-xoghol ghas-sena 2012, hinijiet li huma l-istess bhal tas-sena 2011. **(Ara Dok. N)**

14.11. Wara diskussjoni li kien hemm, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li l-Kunsill jikseb informazzjoni minghand id-Dipartiment dwar jekk il-Gvern ghadux bil-hsieb li jitnehhew in-nofs ta' nhari.

14.12. Fid-dawl ta' dan, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dan is-suggett ghandu jigi diskuss wara li l-Kunsill jircievi r-risposta mitluba.

14.13. Is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill japprova li l-vacation leave mhux mehud mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg (29.75 siegha) u l-iskrivana Alison Grixti (27.75 siegha) jigi mgedded sa l-ahhar ta' Jannar 2012 kif ukoll ippropona li ghandu jittiehed kollu nkella jintilef. **(Ara Dok. O)**

14.14. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.16. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-kuntratt tal-librara kien skada u staqsa lill-Kunsill jekk dan huwiex ser jiggedded.

14.17. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jinforma lid-Dipartiment tal-Libreriji Pubblici li l-kuntratt tal-librara ghandu jerga' jinhareg mill-gdid kif ukoll li d-Dipartiment ghandu jipprovdi lill-Kunsill statistika ta' kemm qed jigu mislufa kotba mill-librerija kemm ilha l-librara Ms. Lara Calleja.

14.18. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

14.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.20. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li jitpoggew zewg open skips fi Triq Tunis.

14.21. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

14.22. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.23. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill imur ghall-item 13.

14.24. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.25. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 13. Approvazzjoni tal-kontijiet.

13.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dok. P, Q u R)**

13.02. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li b'riferenza ghall-kont tad-Dipartiment ta' l-Artijiet vis-a-vis kiri ta' kamra off Triq ANZAC, liema pagament fil-laqgha precedenti kien gie approvat li ma jsirx minhabba l-izvilupp approvat li jsir minn St. Michael's Foundation, il-kelliem informa lill-Kunsill li minn ricerka li ghamel mad-Dipartiment ta' l-Artijiet jirrizulta li l-istess Fondazzjoni ghada ma kisbitx l-art minghand id-Dipartiment u ghalhekk il-Kunsill kien liberu li jkompli jaghmel uzu minn din il-kamra.

13.03. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-globi li ser jinxtraw minghand E. Calleja huma ta' lewn griz/silver u mhux suwed minhabba li huma out of stock. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill jaccetta li dawn jinxtraw ta' dan il-lewn.

13.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

13.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.06. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ipprezentati.

13.07. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

13.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.09. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat infurmat lill-Kunsill li b'effett immedjat hija kienet ser tibda taccetta li tiehu l-allowance dovuta lill-Kunsilliera, liema allowance tmur lura ghall-bidu ta' 2010.

13.10. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li jigi diskuss item 6.

13.11. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

13.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn it-8 u t-28 ta' Dicembru 2011 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/7340/11/I**
09/12/2011
Risposta minghand is-Sup. Stephen J. Gatt jinforma lill-Kunsill li min jitma l-annimali barra, ghalkemm l-intenzjoni hija tajba, xorta jkun qed ihammeg sit pubbliku u ghalhekk dan jaqa' taht reat skond Kap 206 u l-Ligi Sussidjarja 504.67. Jinforma lill-Kunsill ukoll li titma l-annimali mhux reat, izda x'qed johloq li huwa reat.

6.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7340/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ladarba dak li jkun, inaddaf wara li jitma lill-annimali, allura dan m'huwa qed jikser ebda reat.

6.03. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li s-sur Engelbert ghandu jigi nfurmat b’dan.

6.04. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7350/11/I** 10/12/2011 Proposta mis-Sindku Joe Zammit biex dwar il-progetti ta’ l-EU li ghandu l-Kunsill, responsabbli mill-progett OSDDT ghandu jkun il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, responsabbli mill-progett ENVOY ghandha tkun il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u mill-progett Medstrategy ghandu jkun responsabbli l-Kunsillier Joe Brincat.

6.06. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7350/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex dwar il-progetti ta’ l-EU li ghandu l-Kunsill, responsabbli mill-progett OSDDT ghandu jkun il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, responsabbli mill-progett ENVOY ghandha tkun il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u mill-progett Medstrategy ghandu jkun responsabbli l-Kunsillier Joe Brincat. Il-kelliem qal li naturalment, jekk jixtieq, il-Kunsillier Lauro Fava jista’ jakkumpanja lil xi wiehed mill-membri tal-Kunsill ghal dawn il-programmi meta jkun jista’. Il-kelliem qal ukoll li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kif ukoll huwa ghandhom jakkumpanjaw lil xi wiehed minn dawn il-programmi meta tinhass il-htiega jew bzonn. Finalment il-kelliem qal li b’dan l-arrangament ikun qed jintlaqtu t-tlett fazijiet l’issa jiffurmaw dan il-Kunsill jigifieri l-PL, il-PN u l-Indipendenti.

6.07. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.09. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fit-8.00pm wara li fakkar lill-Kunsilliera li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 18 ta’ Jannar 2012 fil-5.30pm.

Joe Zammit
***Sindku***

Kevin Borg
***Segretarju Ezekuttiv***